*ART 466 (2) KAP 12*

*ART 4(2) U 4(5) ATT DWAR IT-TAXXA TA' L-IMPORTAZZJONI*

*(KAP 337)*

*CERTIFIKAT TAL-ORIGINI (EUR 1)*

*EEC MALTA ASSOCIATION AGREEMENT AND PROTOCOLS AND OTHER BASIC TEXTS*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju 2019**

**Kawza Numru : 22**
**Rikors Guramentat Numru : 708/2006/LSO**

**Dizz Limited [C. 26823]**

**vs**

**Kontrollour tad-Dwana u b' digrgiet tat-3 ta' April 2014 l-isem inbidel ghall-Direttur General (Dwana).**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors Dizz Limited [C. 26823] datat 2 ta' Awwissu 2006 fejn bil-qima kkonferma:-

Illi l-esponenti giet notifikata b' ittra ufficjali *ai termini* tal-artikolu 466 taI-Kap 12, datata 20 ta' Frar 2006, Ii permezz taghha I-intimat gieghed jesigi l-hlas ta' Lm63,697 kwantu ghas-somma ta' Lm54,401 dazju u s-somma ta' Lm9296 VAT fuq importazzjoni ta' hwejjeg li saru bejn is-snin 2003 u 2004, kopja taI-ittra u d-dokurnenti ta' maghha qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati komplessivament bhala Dok. A.

Illi s-socjeta` esponenti qieghda tipprevalixxi ruhha milI-beneficcju lilha moghti permezz tal-artikolu 466 taI-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u trid li topponi I-imsemmija talba u dan ghas-segwenti ragunijiet u cioe':

1. Illi fl-ewwel lok l-imsemmija ittra ufficjali ma' ottjeniet ebda effett fil-Ligi peress li ma gewx osservati I-voti li trid iI-Ligi oltre li d-dikjarazzjoni mahlufa fiha fatti skorretti u kwindi, kif postulata, ma tista' qatt tinghata I-effetti li trid il-ligi.

2. Illi t-talba kontenuta fl-ittra ufficjali hija assolutament bla ebda bazi legali *stante* iIli l-oggetti *de quo* huma kollha prodotti manifatturati gewwa l-Italja u kwindi fil-Komunita`

Ewropea, u huma kollha koperti mic-certifikat EUR 1 u bhala tali ezenti milI-hlas ta' dazju sia taht il-Ligi tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll taht I-artikolu 4 (2) tal-Kap 337 li jipprovdi illi :

> "(*Id-dazji ta' importazzjoni murija fil-kolonna "Import Duty" ma ghandhomx japplikaw ghall-oggetti li jkunu mkabbra, prodotti jew manifatturati fil-Komunita` u li jkunu importati f' Malta jew mahruga mid-depozt ghall-uzu jew konsum f' Malta sakemm dawn l-oggetti jissodisfaw ir-regoli ta' l-origini kif fis-sehh minn zmien ghal zmien skont xi ftehim maghmul bejn il-Gvern ta' Malta u l-Komunita`)."*

U l-oggetti *de quo* jissodisfaw tali regoli hekk kif jirrizulta mill-anness Dok. B.

3. Illi ebda ammont m' hu dovut skont il-Ligi.

4. Illi referibbilment ghat-talba ghal hIas tal-VAT l-ittra ufficjali u d-dikjarazzjoni *de quo* mhumiex validi peress li semmai kellhom isiru milI-Kap tad-Dipartiment tal-VAT.

5. Illi t-talba ma tistax tintlaqa' peress li *ai termini* tal-*proviso* tal-Art. 4 (5) tal-Kap 337 ma jistax jintalab dazju galadarba I-oggetti gew spezzjonati sew mill-ufficjal tad-Dwana u rilaxxjati u I-valur dikjarat huwa sewwa.

6. Illi bla ebda pregudizzju, l-intimat irid igib prova skont il-Ligi ta' kif wasal ghall-ammont pretiz u li huwa kreditur.

7. Illi fi kwalunkwe kaz it-talba kontenuta fl-ittra ufficjali hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt.

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponenti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qieghda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba tal-intimat bhala wahda infondata. Bl-ispejjez u b' riserva ghal kull azzjoni talvolta spettanti lill-esponenti skont il-Ligi.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-27 ta' Settembru 2006.

Rat ir-risposta tal-Kontrollur tad-Dwana datata 20 ta' Settembru 2006 (fol 16) fejn espona :

Illi t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontriha u dan peress li r-ragunijiet migjuba fir-rikors promutur huma kollha nfondati u dan kif se jinghad:

1. Illi kemm l-ittra ufficjali kontra r-rikorrenti datata 20 ta' Frar 2006, kif ukoll id-dikjarazzjoni annessa maghha isegwu fedelment id-dettami tal-ligi u ghalhekk ghandhom il-forza shiha tal-ligi.

2. Illi dwar l-importazzjonijiet msemmija fid-dikjarazzjoni mal-ittra ufficjali, ir-rikorrenti pprezentat certifikat EUR 1 lid-Dwana Maltija, izda minn verifiki li ghamel l-esponent, irrizulta li dan ic-certifikat ma kienx jikkwalifika lir-rikorrenti ghal trattament preferenzjali. B'hekk din il-merkanzija ma tistax titqies li ssodisfat ir-regoli ta' origini kif titlob il-ligi. Jinghad ukoll li huwa l-esponent li jrid ikun sodisfatt li dawn ir-regoli ta' origini huma segwiti. F'dan il-kaz izda, l-esponent ma kienx hekk sodisfatt. Barra minn hekk jinghad ukoll li d-dokument anness ma' Dok B, anness mar-rikors promutur, li juri timbru ta' awtorita' fir-Repubblika ta' San Marino huwa sempliciment dikjarazzjoni minn dik l-awtorita' u mhu marbut bl-ebda mod mal-importazzjonijiet in kwistjoni. Ghalhekk it-taxxi tal-importazzjoni kienu u ghadhom dovuti kollha.

3. Illi rigward it-talba ghal hlas tal-VAT, il-ligi relevanti dwar il-VAT tawtorizza lill-esponent li jigbor tali taxxa bhalma jigbor it-taxxi l-ohra ta' importazzjoni.

4. Illi rigward il-punt numru 5 fir-rikors promutur, jinghad li l-artiklu 4(5) tal-Kap 337 jaghti diskrezzjoni lill-esponent li hu jrid ikun sodisfatt li tali rilaxx sar u kien ezawrjenti. F’ dan il-kaz, l-esponent ma kienx hekk sodisfatt. Jinghad ukoll li rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti ghamel dikjarazzjoni bil-miktub fejn rabat lill-istess socjeta' li thallas l-ammont ta' taxxi ta' importazzjoni dovuti f'kaz li c-certifikat EUR 1 ma jkunx tajjeb u a sodisfazzjon tal-esponenti.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontriha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ April 2014 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Noel Bartolo ghall-atturi u Dr Roma D'Alessandro, u r-rapprezentant David Sciberras ghall-konvenut. Dr D'Alessandro infurmat lill-Qorti li n-nomenklatura ghalI-Kontrollur tad-Dwana nbidlet fil-mori ghaIl-Direttur Generali (Dwana), u talbet li jsiru I-korrezzjonijiet opportuni fl-okkju u fl-atti tal-kawza. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat Ii ssir il-korrezzjoni mitluba kull fejn jenhtieg. Id-difensuri prezenti nfurmaw lill-Qorti Ii hemm seduta ffissata quddiem I-Assistenta Guddizzjarja fil-21 ta' Mejju 2014 fin-12:30p.m. Il-Qorti ddifferixxiet iI-kawza ghat-8 ta' Lulju 2014 fid-9:30a.m. ghall-informazzjoni ulterjuri.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tas-socjeta` rikorrenti Dizz Limited datata 8 ta’ Marzu 2018 a fol 1079 (Volum Nru. IV) tal-process.

Rat in-nota responsiva tad-Direttur Generali (Dwana) gia l-Kontrollur tad-Dwana pprezentata *seduta stante* fis-seduta tat-12 ta’ Lulju 2018 a fol 1095 (Volum Nru. IV) tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma inkluz dak tal-Hamis, 31 ta' Jannar 2019 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Noel Bartolo ghas-socjeta' attrici. Deher Dr Isaac Zammit ghall-Kontrollur tad-Dwana rapprezentat fl-Awla minn David

Sciberras. Il-Qorti semghet it-trattazjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET:</u>

Permezz tar-rikors odjern, is-socjeta` Dizz Limited adixxiet lil din il-Qorti a tenur tal-**artikolu 466(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** sabiex titlob li t-talba kontenuta fl-ittra ufficjali mibghuta mill-Kontrollur tad-Dwana, u datata 20 ta' Frar 2006, hija infondata u bla ebda bazi legali *stante* li l-prodotti mertu tal-vertenza odjerna huma prodotti kollha manifuttarati fl-Italja,u kwindi fil-Komunita` Ewropea. Dawn il-prodotti huma koperti mic-certifikat EUR1 u b'hekk ezenti mill-hlas tad-dazju a tenur tal-artikolu 4(2) tal-Kap 337. Is-socjeta` rikorrenti qed tikkontendi inoltre, li t-talba ghall-hlas tal-ammont mitlub fl-istess ittra ufficjali ma tistax tintlaqa' peress li *ai termini* tal-artikolu 4(5) tal-Kap 337 ma jistax jintalab dazju galadarba l-prodotti gew spezzjonati u rilaxxati u l-valur dikjarat huwa sewwa. Inoltre`, qed jigi sostnut, li l-ittra ufficjali imsemmija m'ghandha ebda effett fil-ligi, peress li ma gewx osservati l-elementi rikjesti mil-ligi u li d-dikjarazzjoni u t-talba ghall-hlas tal-VAT kellha ssir b'ittra ufficjali mill-Kap tad-Dipartiment tal-VAT.

Illi l-intimat oppona ghat-talba billi sostna li l-Ittra Ufficjali tissoddisfa d-dettami tal-Ligi u li, inoltre, li l-merkanzija fic-

cirkostanzi ma tistax titqies li ssodisfat ir-regoli ta' origini kif titlob il-ligi u minn verifiki li ghamel, ic-certifikat EUR 1 ma kienx jikkwalifika lir-rikorrenti ghal trattament preferenzjali. B'hekk din il-merkanzija ma tistax titqies li ssodisfat ir-regoli ta' origini kif titlob il-ligi; li l-ligi tawtorizzah jigbor it-taxxa tal-VAT dovut; u li l-artikou 4(5) tal-Kap 337 jaghtih diskrezzjoni li hu jrid ikun sodisfatt li tali rilaxx sar u kien ezawrjenti u f'dan il-kaz ma kienx hekk sodisfatt. Qal ukoll li rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti ghamel dikjarazzjoni bil-miktub fejn rabat lill-istess socjeta' li thallas l-ammont ta' taxxi ta' importazzjoni dovuti f'kaz li certifikat EUR 1 ma jkunx tajjeb u a sodisfazzjon tal-esponenti.

**Fatti:**

Jirrizulta li fl-2003 u 2004, is-socjeta` Dizz Limited irceviet konsenji ta' hwejjeg ghall-hwienet taghha f'Malta minn Teddy S.p.A f'Rimini, l-Italja. Malli l-konsenja waslet f'Malta u nfethu kaxxi mill-konsenja u saret l-ispezzjoni instab li xi whud mill-prodotti ma kellhomx tikketta tal-origini. Ghalhekk, id-Dwana f'Malta rreferiet il-kaz lill-awtoritajiet doganali fl-Italja biex jindgaw dwar l-origini tal-prodotti in kwistjoni, u dwar ic-certifikat EUR 1. L-awtoritajiet Taljani wiegbu permezz tad-dokumenti esebiti Dok JC I u JC2 u JC 13 (fol 37-39) fejn inghad li c-certifikat EUR 1 huwa awtentiku, izda b'mod specifiku, ghal dak li jirrigwarda l-konsenji indikati f'Dok JC2 mhuwiex possibbli li jigi kkonfermat li huma ta' origini Ewropea.

In segwitu, l-Kontrollur tad-Dwana ipprezenta l-ittra ufficjali datata 20 ta' Frar 2006 Dok A (fol 3) annessa mar-rikors promotur, fejn intalab l-ammont ta' Lm63,697, konsistenti

f'Lm54,401 u Lm9296 f'VAT a tenur tal-artikolu 466 tal-Kap 12. Sussegwentement Dizz Limited ipprocediet bil-kaz odjern, *ai termini* tal-artikolu 466(2) tal-Kap 12. Fil-mori ta' dan il-kaz jirrizulta, li l-Kontrollur tad-Dwana ipprezenta nota ta' riduzzjoni fejn sostna li l-ammont mitlub gie ridott ghall-ammont komplessiv ta' Lm51,203 (€119,270.906).

**Provi:**

**John Camilleri** xehed (fol 36a-c)[1] u qal li meta kien qed jigi rilaxxat ix-xoghol ta' Dizz Limited fl-2003 u 2004, Id-Dipartiment tad-Dwana haseb li kien hemm xoghol mhux tal-origini tal-Ewropa u kienet saret '*spot check'* tad-dokument EUR 1. Spjega li kien instab li d-dokument hu awtentiku izda mhux validu ghall-trattament preferenzjali. Spjega li dan id-dokument kien mahrug mid-Dwana Taljana, liema dokument kien jaghti rati preferenzjali ghax-xoghol impurtat, u dan kien qabel Malta dahlet fl-Unjoni Ewropea. Zied ighid li f'dan il-kaz il-portatur tac-certifikat EUR 1 ma kellux ihallas dazju, u meta Dizz intalab ihallas id-dazju u ma riedx ihallas, gie miftiehem li kollox jintbaghat lura Genoa ghall-verifiki. Esebixxa r-risposta ghat-talba taghhom bhala Dok JC1. Esebixxa wkoll Dok JC2 li hi kwalifika tal-ewwel risposta, u rizultat ta' din ir-risposta hargu l-kalkoli li jidhru f'Dok JC3, gew esebiti l-*files* li jidhru fl-ewwel kolonna ta' Dok JC3. F'Dok JC13, li kienet l-ewwel risposta li rcevew, hadmu l-ammont li kien dovut bhala dazju, fejn irrizulta li l-ammont kellu jkun anqas. Mistoqsi jekk ivverifikawx li l-prodotti kienu originaw fl-Ewropa, qal li ghamlu l-verifiki fuq il-merkanzija u f'certi kazi ma kienx hemm *label records.*

[1] Seduta tat-28 ta' Mejju 2008.

Hu xehed ulterjorment (fol 101-103)[2] u esebixxa Dok JC14A sa JC14C, korrispondenza li rcevew minn barra, u r-rikjesta taghhom bhala Dok JC15. Esebixxa Dok JC16 dokument ippreparat minnu dwar l-*invoices*. Esebixxa Dok JC17 u Dok JC18, rapporti tal-fizzjali. Mistoqsi jkunux saru spezzjonijiet f'*invoices* ohra qal, li iva. Spjega li meta spezzjonaw il-merkanzija ma sabux tabelli '*Made in China'* jew '*Made in a third country'*, meta jibghatu l-EUR1 certificate ghall-verifikazzjoni, ma jigix accettat bhala korrett, ix-xoghol ma jistax jigi accettat bi *preferential rate*. Qal li r-rizultanzi ta' kull fizzjal relattiv ghal kull *invoice* partikolari m'ghandhomx.

Xehed ulterjorment (fol 126-127)[3] u pprezenta Dok YC1 li juri l-*breakdown* tal-ammonti, u jidher l-ammont totali ta' dazju dovut Lm43,535. Esebixxa wkoll Dok YC2, dikjarazzjoni tal-importazzjoni fejn jidher x'gie impurtat.

Xehed ulterjorment (fol 163)[4] fejn esebixxa Dok JC19, u jidhru l-ufficjali li ccekjaw ix-xoghol mertu ta' dan il-kaz.

**Karl Izzo,** Direttur ta' Dizz Limited, xehed (fol 178 a-c)[5] u qal li hu u martu huma azzjonisti kwantu ghall-50% kull wiehed u wahda minnhom. Qal li ghandhom diversi hwienet u jimpurtaw il-hwejjeg, u l-fornitur tal-hwejjeg hija l-*mother company* f'Rimini cioe` Teddy S.p.A. Dwar fejn gew manifatturati l-hwejjeg mertu ta' dan il-kaz, qal li lilhom dejjem qalulhom li kienu manifatturati fl-Italja u kien ikollhom it-tikketta *Made in Italy*. Semma li qatt ma talbu quddiemu li jifthu l-hwejjeg ricevuti biex jivverifikaw it-tikketta. Qal li hu

[2] Seduta tas-17 ta' Frar 2009.
[3] Seduta tas-6 ta' Mejju 2009.
[4] Seduta tal-10 ta' Gunju 2009.
[5] Seduta tal-11 ta' Mejju 2011.

ma kienx ikun 'on site' mal-*freight forwarders* tieghu li kienu Thomas Smith, izda ma jistax ighid kinux jifthuhom ladarba ma kienx ikun hemm, u qatt ma talbuh li ssir spezzjoni fil-prezenza tieghu. Qal li huma dejjem l-istess prodotti baqghu jimpurtaw u ma kienx hemm bidla fix-xoghol. Qal li x-xoghol sakemm ibieghu jibqa' proprjeta` ta' Teddy S.p.A.

**In kontro-ezami** qal, li l-prodotti li mpurtaw dejjem kellhom it-tikketta '*Made in Italy'*, u fil-mument tar-rilaxx tal-konsenja hu ma kienx prezenti.

Hu xehed ulterjorment permezz ta' affidavit (fol 236-239) qal li fl-2003 u 2004, is-suq kien tajjeb hafna u kienu jimpurtaw numru sostanzjali ta' hwejjeg minghand il-fornitur Teddy S.p.A. Qal li x-xoghol kien jircevieh direttament mill-Italja. F'dak iz-zmien kien jimporta 60 kaxxa b'eluf ta' 'items' ta' hwejjeg. Zied ighid li x-xoghol kollu mertu ta' dan il-kaz kien gie manifatturat fl-Italja minn Titanus SA. Illi wara passi mid-Dwana f'Malta, id-Dwana Taljana nediet investigazzjoni, gie mahrug process verbal fejn gew ikkonfermati d-dikjarazzjonijiet ta' Titanus SA. li ddikjarat li l-oggetti kollha mertu tal-kaz huma kollha ta' origini Taljana. L-awtorita` Taljana tad-Dwana harget process verbal ulterjuri datat 27 ta' Mejju 2005, li juru korrispondenza bejn Teddy S.p.A. u Titanus SA, li jikkonfermaw Teddy S.p.A. tottjeni l-'items' taghha minn Titanus SA. Hu esebixxa anness ma' dan l-affidavit rapport estensiv u dettaljat imhejji minn Teddy S.p.A. li jiggarantixxi l-origini Taljana ta' 534 item, li jikkorispondu ghal 34,814 *item* ta' hwejjeg. Qal li d-dokumentazzjoni kemm ta' Teddy S.p.A. u ta' Titanus SA jikkonfermaw li l-oggetti mertu tal-kaz huma manifatturati gewwa l-Italja, u huma koperti mic-certifikat EUR 1, b'hekk

ezenti mid-dazju taht il-ligi tal-Unjoni Ewropea u taht l-artikolu 4 (2) tal-Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta.

**F'kontro-ezami ulterjuri** xehed (fol 1028-1036)[6] li hu ma kienx ikun prezenti meta tidhol il-merkanzija, kien ikun hemm il-haddiema ta' Thomas Smith - id-dikjarazzjonijiet doganali kien jiehu hsiebhom ukoll Thomas Smith, *il-freight forwarder,* ghan-nom ta' Dizz Limited. Spjega li hu kien jghaddi l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha lill-*freight forwarder*. Irrisponda li dakinhar li nqalghet il-problema ma kienx prezenti, u kien Donald Naudi minn Thomas Smith li nfurmah. Qal li l-prodotti kollha tat-Terranova kienu dejjem '*Made in Italy'*. Kien gie nfurmat li mhux ghax m'hemmx tikketti *Made in Italy,* imma ghax kien hemm boroz tal-plastic li ma jidhrux li kienu *plastic bags* Ewropej. Qal li hu ma kienx mar personalment id-Dwana, tkellem telefonikament mal-Assistant Head tad-Dwana, imbaghad d-Dwana Maltija rreferiet ghad-Dwana Taljana biex tivverifika. Specifika li c-certifikat EUR 1 jintuza biex juri li x-xoghol gej minn pajjiz Ewropew, biex ikun ezenti mid-dazju. Mistoqsi huwiex a konoxxenza tal-fatt li jekk jinstab li c-certifikat EUR 1 mhuwiex validu, irid jithallas id-dazju, qal li iva. Qal li jaf l-importanza tac-certifikat EUR 1 u li l-kontenut tieghu ghandu jkun validu. Qal li malli gie nfurmat bil-problema kien informa lis-socjeta` estera Teddy S.p.A.. Mistoqsi jekk jikkonfermax li ffirma dokument tad-Dwana fejn intrabat li jhallas id-dazju dovut, qal li ma jiftakarx.

**Walter Sammut** xehed (fol 189-195)[7] u qal, li hu fizzjal tad-Dwana, u fl-2003, 2004, kien f'Hal Far, fejn kienu jirrilaxxaw

[6] Seduta tal-21 ta' Jannar 2015.
[7] Seduta tat-13 ta' Frar 2012

konsenja ta' affarijiet impurtati. Semma li Dizz Limited timporta hwejjeg. Qal li kien ikun hemm numru kbir ta' kaxxi, kienu jifthu kaxxi u jaraw x'isibu, dawk li ma kienx ikollhom *Made in Italy* kienu jivverifikawhom. Qal li jkunu fethu hafna kaxxi izda forsi mhux kollha. Qal li jfittxu t-tikketta *Made in Italy* fuq il-hwejjeg. Qal li hu ma ghamilx rapport izda mexxa d-dokumenti tieghu lis-superjuri tieghu fuq struzzjonijiet li kellu. Qal li s-superjur tieghu kien Luca Bugeja. Muri Dok B a fol 6, qal li ma jistax ighid liema ghamel hu, trid tara *entry entry*, u tara fejn hemm il-firma tieghu.

**Louis Galea**, *customs officer*, xehed (fol 195)[8]. Qal li fl-2003, 2004 kien stazzjonat f'Hal Far f'din l-istess kariga, u xogholu kien li jiccekkja u mbaghad jirrilaxxja l-konsenji. Qal li meta jara konsenja u ma jkun hemm xejn irregolari ma jaghmilx rapport.

Xehed ulterjorment (fol 199 a)[9] u ipprezenta Dok LG1 datat 26 ta' Awwissu 2003, fejn tidher il-lista ta' hwejjeg ivvettjati minnu. Esebixxa wkoll Dok LG2 konsenja ohra tal-2003, u hu kellu x'jaqsam biss ma' dawn iz-zewg konsenji li f'dokument a fol 6 huma 1124/2003 u 701/2004. Semma li rapporti ma kinux saru.

**Salvu Grima,** *principal*, inkarigat mill-Origin Unit tad-Dwana, xehed (fol 196)[10] rigward l-origini tal-oggetti fosthom hwejjeg, minn qabel Malta dahlet fl-Unjoni Ewropea kien japplika l-ftehim li kien ilu jezisti mill-1970, fejn Malta kienet taghti preferenzi rigward id-dazji meta l-prodotti joriginaw

[8] Seduta tat-13 ta' Frar 2012
[9] Seduta tat-3 ta' April 2012.
[10] Seduta tat-13 ta' Frar 2012.

mill-Unjoni Ewropea. Spjega li meta kien ikun hemm dubju dwar l-origini, kienu jibghatuhom lid-Dwana Taljani biex jaghmlu l-verifiki. Illi meta kienu baghtu jivverifikaw dwar dan il-kaz ta' Dizz Limited, fir-risposta taghhom, id-Dwana Taljana kienet qalet, li hafna mic-certifikati kienu tajbin pero` qalu wkoll li xi whud ma jistghux jikkonfermaw l-origini taghhom, u dak iffiser li mhux *Made in Italy.*

Xehed ulterjorment (fol 199b-c)[11] u esebixxa Dok WS1 u WS2 lista ta' hwejjeg li vvettja hu, li jkopru file 702/04 u 700/04 f'dokument a fol 6. Semma li l-procedura kienet li jekk ikun hemm 'items' minghajr origini, jibghatu l-EUR 1 kollu biex jigi ivverifikat l-origini kollu. Qal li ma jfissirx li ghax kien hemm '*Made in Italy*, f'xi whud', il-EUR 1 qed ikopri kollox, fejn ma kienx ikun hemm tikketta '*Made in Italy'*, kienu jibghatu l-EUR1 biex jigu verifikati.

**Stefano Mignani, Chief Executive Officer ta' Teddy SpA** xehed permezz ta' affidavit (fol 1016-1021) qal li fiz-zmien mertu tal-kaz, kien hemm kuntratti ghal 'commercial membership' ma' Terranova u Calliope ghall-hwienet ta' Dizz Limited f'Malta. Illi gie ddikjarat li l-prodotti kollha mibghuta minn Teddy S.p.A. kienu prodotti fl-Italja. Spjega li l-prodotti mibjugha lil Dizz Limited kienu precedentement mixtrija mill-kumpanija Titanus SA fil-5 ta' Awwissu 2003 hargu *statement* li l-prodotti kollha huma ta' origini Taljana. Fil-kwistjoni bejn Dizz Limited u d-Dwana, l-awtoritajiet Taljani ghamlu investigazzjoni fejn gie konkjuz is-segwenti:

---

[11] Seduta tat-3 ta' April 2012.

- Fil-5 ta' Awwissu 2003 u fid-29 ta' Dicembru 2003, Titanus SA ghamel *statements* li wrew li l-prodotti kienu ta' origini Taljana.
- Fis-27 ta' Mejju 2004, id-Dwana ta' Rimini assigurat li l-prodotti esportati, li kellhom jigu verifikati mill-Awtoritajiet Maltin, kienu attribwibbli lil Titanus SA, li kienu inkarigati biex jesportaw il-prodotti.
- Fil-11 ta' Ottubru 2006, id-Dwana ta' Rimini, f'rapport, iddikjaraw li l-prodotti mertu tal-kaz in ezami kienu ta' origini Taljani wara li nghataw ic-certifikat ta' dokumentazzjoni.

Ghalhekk, *in vista* ta' dan huwa qal, li d-Dwana Taljana ma opponietx dak sostnut minn Teddy S.p.A., b'hekk jista' jigi assunt li c-certifikat EUR 1 ghandu jigi kkunsidrat li jirrifletti l-origini hemmhekk indikata. Semma li fil-minuti datati 11 ta' Ottubru 2006, l-origini Taljana tal-prodotti in kwistjoni kienet ikkonfermata.

**In kontro-ezami permezz ta' rogatorji** (fol 1069) wiegeb fl-affermattiv ghal dak sostnut fl-affidavit tieghu, li l-prodotti mibjugha lil Dizz Limited huma kollha provenjenti mill-Italja. Dwar id-distinzjoni *ai fini* tad-Dwana bejn it-terminu ta' provenjenza ta' prodotti u l-post tal-manifattura, spjega li huma ben konsapevoli ta' dan u meta fil-'label' jindikaw Made in Italy, dak hu fejn gie prodott, u fil-kaz in kwistjoni l-prodotti kienu manifatturatti fl-Italja. Qal li ghalkemm jista' jaghti l-kaz li prodott ikun manifuttarat x'imkien iehor, izda dan ma kienx il-kaz fil-kaz in kwistjoni. Hu qal li jafu bil-fatt li jekk prodott ma jkunx gie manifatturat f'pajjiz Ewropew, ma jkunx kopert mic-certifikat EUR 1. Mistoqsi jekk jafx li f'Malta trid tithallas id-dazju jekk prodott ma jkunx gie manifatturat

fl-Unjoni Ewropea, qal li iva Malta ma kinitx ghadha fl-Unjoni Ewropea dak iz-zmien. Hu spjega li l-prodotti intbaghtu lil Dizz Limited da parti ta' Teddy S.p.A. izda Titanus SA kien ifornihom bil-prodotti ta' hwejjeg, li mbaghad sussegwentement inbieghu minn Teddy S.p.A. lil Dizz Limited. Wiegeb li minn Awwissu 2003 sa Frar 2004, Paolo Terenzi kien amministratur ta' Titanus SA u huma kienu joperaw ma' Terenzi u ma' persuni ohra ta' Titanus SA. Wiegeb ukoll, li d-Direttur ta' Teddy S.p.A. kien Taddeo Vittorio bhala amministrattur, u d-dirigenti kienu hu u Renata Saragoni. Spjega li ma kienx hemm, bzonn jaghmlu verifiki dwar il-prodotti peress li kollha kienu manifatturati fl-Italja, izda l-impurtatur f'Malta kien Dizz Limited li kellu jhallas oneri doganali. Qal li skont il-ftehim, it-trasport tal-prodotti kienu jhallsuh Teddy S.p.A. izda hlasijiet doganali kienu a karigu tal-importatur f'Malta, u cioe` Dizz Limited. Wiegeb li Teddy S.p.A. kienet tibghat id-dokumenti necessarji lil Dizz Limited. Mistoqsi jafx li d-Dwana Taljana ddikjarat, li xi whud mic-certifikati EUR 1 huma invalidi, qal li hadd ma kkontestalhom xejn, u saru jaf biss minn Dizz Limited li d-Dwana Maltija qed tikkontesta l-provenjenza tal-prodotti. Wiegeb li jafu li kull dokument jista' jerga' jintbaghat lura lid-Dwana Taljana ghall-verifiki. Wiegeb ukoll, fl-affermattiv ghall-fatt li f'materja doganali, l-awtorita` kompetenti biex tivverifika c-certifikat EUR 1 kienet id-Dwana Maltija u d-Dwana Taljana. Wiegeb ukoll li huma konsapevoli tal-fatt, li jekk ic-certifikat EUR 1 jigi dikjarat invalidu mid-Dwana Taljana, tiskatta t-taxxa doganali, fuq dak il-prodotti koperti mic-certifikat EUR 1 invalidu. In generali, qal li f'kaz fejn ikollha tithallas it-taxxa doganali, din tithallas mill-impurtatur, li mbaghad dan jista' sussegwentement idur fuq il-bejjiegh, izda qal li fil-kaz in

ezami dan mhuwiex il-kaz ghax il-prodotti huma kollha manifuttarati fl-Italja.

**Kunsiderazzjonijiet ta' dritt:**

**L-Ewwel Talba**

**L-ittra ufficjali datata 20 ta' Frar 2006 mill-Kontrollur tad-Dwana.**

Is-socjeta' rikorrenti fir-rikors promotur qeghda fl-ewwel lok, issostni li l-ittra ufficjali Dok A annessa li ntbaghtet lilha mill-Kontrollur tad-Dwana, m'ghandha ebda effett fil-ligi *stante* li ma gewx osservat il-voti li trid il-Ligi. Inoltre`, gie sottolineat, li d-dikjarazzjoni mahlufa fiha fatti skorretti.

Ikkonsidrat li bl-artikolu 466 tal-Kap 12 introdott bl-Att XXIV.199 tal-1995 il-legislatur ried jipprovdi procedura specjali sommarja sabiex jingabar lura dejn dovut lil dipartimenti tal-Gvern, jew ufficjali amministrattivi tieghu.

Fi procedimenti *ai termini* tal-**artikolu 466 tal-Kap 12** mhuwiex mehtieg li jsir rikors quddiem il-Qorti, izda bizzejjed li ssir dikjarazzjoni mahlufa mill-Kap tad-Dipartiment in kwistjoni li fiha xi jkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u fejn jigi kkonfermat li dak id-debitu huwa dovut, liema dikjarazzjoni tigi annessa lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju. (Ara **Kummissarju tal-Artijiet vs Salvu Gatt**, P.A. – 5 ta' Ottubru 2015).

Id-dikjarazzjoni hekk mahlufa ghandha tigi notifikata permezz ta' att gudizzjarju li ghandu jkollha l-istess effett

daqs li kieku kien gudikat tal-Qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur fi zmien ghoxrin (20) jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bhala wahda infondata. (Art.466(2).

Is-socjeta` rikorrenti sostniet li l-ittra ufficjali in kwistjoni tippekka ghal dak dispost fl-artikolu 174(2) tal-Kap 12, dan billi in-numru ta' registrazzjoni tas-socjeta` rikorrenti mhuwiex indikat. Inoltre`, l-kopja tal-ittra li giet notifikata lis-socjeta` rikorrenti ma kinitx iffirmata minn prokuratur Legali. *Di piu*`, gie sottomess, li l-ittra ufficjali indikat ammont ta' Lm63,697, meta fil-mori ta' dan il-kaz, l-intimat ipprezenta nota li kien qed jintalab ammont ferm anqas. *Di piu*`, gie sottomess li fid-dikjarazzjoni annessa mal-ittra ufficjali, hemm indikat li l-ammont mitlub jirrigwarda dazju u VAT fuq importazzjoni ta' hwejjeg, li hu skorrett *stante* li s-socjeta` rikorrenti kienet timporta hwejjeg u accessorji.

Min-naha l-ohra, id-Direttur Generali (Dwana) issottometta li l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti li l-imsemmija ittra ufficjali m'ghandhiex effett, ma tregix *stante* li jirrizulta car li s-socjeta` Dizz Limited hija identifikabbli fl-imsemmija ittra ufficjali b'mod inkonfondibbli. Inoltre` s-socjeta` Dizz Limited kellha kull opportunita` tiddefendi l-interessi taghha skont il-ligi, kif fil-fatt ghamlet, apparti l-fatt li l-ligi ma ssemmi xejn li din ic-cirkostanza ggib in-nullita` tal-ittra ufficjali.

In sostenn ghal dan l-argument, il-Kontrollur tad-Dwana rrefera ghall-kawzi **Andrew Camilleri et vs Daniel Edwin Sayles noe** (P.A.) (1364/1991/1) deciza fis-27 ta' Gunju 2003, fejn gie ritenut:

*"………illi mhux l-inosservanzi kollha voluti jew imposti mil-ligi ghall-awtenticita` tal-att tac-citazzjoni jikkostitwixxu nullita` tal-att promotur tal-gudizzju. A propozitu fuq il-punt ta' enumerar tat-talbiet issir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tat-8 ta' April 1981 fil-kaz fl-ismijiet **Philip Mallia vs Saviour Cachia,** fejn fiha gie dikjarat illi inosservanza konsimili ma ggibx l-invalidita` tal-att."*

Fil-kaz **Frank Coppola vs General Road Servicing Limited et**, deciza mill-Qorti tal-Appell (287/2005/1) – 7 ta' Dicembru 2005, fejn inghad li d-difett fl-att gudizzjarju irid ikun ta' element essenzjali preskritt mil-ligi.

Ikkonsidrat li akkoppjat **mal-artikolu 174 tal-Kap 12** hemm **l-artikolu 789 tal-Kap 12** kemm jekk in-nullita' hija inkwadrabbli taht l-inciz (c) kemm taht l-inciz (d). Ma jirrizultax li n-nuqqas tal-intimat odjern li jnizzel in-numru tar-registrazzjoni tal-Kumpannija gabet xi pregiudizzju ghas-socjeta' Dizz Limited billi ma hemmx dubbju dwar l-identita' ta' din is-socjeta' li kellha kull opportunita' biex tiddefendi l-addebiti sollevati kontriha permezz ta' dawn il-proceduri. Ma hemmx dubbju li l-ommissjoni tan-numru tar-registrazzjoni hija fost dawk il-partikolaritajiet li jista' jittranga taht l-artikolu 175 tal-Kap 12 u mhux biss bl-annullar tal-att.

Illi din il-Qorti taqbel li fil-kaz in ezami, l-karenza ta' indikazzjoni tan-numru ta' registrazzjoni tal-kumpanija, ma jistax jitqies li huwa element essenzjali rikjest mil-ligi. Inoltre ma tqiesx li d-differenza fl-ammont miltub fl-ittra ufficjali u dak ridott kif irrizulta fil-mori ta' dan il-kaz, jfisser li l-ittra ufficjali hija bla effett legali. Lanqas jista' jinghad, ghall-istess

raguni, li l-fatt li fid-dikjarazzjoni annessa ma ssemmewx l-accessorji, u ssemmew biss hwejjeg, iwassal ghan-nullita' tal-att .

Illi kien ikun mehtieg li jigi ppruvat nuqqas ta' partikolarita` essenzjali imsemmija fil-ligi, li jista' jippregudika d-drittijiet tas-socjeta` Dizz Limited. Fil-fatt, din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-intimat, li s-socjeta' rikorrenti kellha kull opportunta tiddefendi l-interessi taghha skont il-ligi kif fil-fatt ghamlet *ai termini* tal-**artikolu 466(2) tal-Kap 12**. Dan juri li fehmet il-kontenut tal-ittra ufficjali u rreagixxiet fil-hin sabiex ipprocediet bil-kaz odjern, sabiex topponi ghat-talba kif proposta fl-ittra ufficjali imsemmija.

**Ghalhekk, filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat, u tiddikjara li l-ittra ufficjali datata 20 ta' Frar 2006, Dok A, kif ukoll id-dikjarazzjoni annessa maghha isegwu d-dettami tal-ligi, tichad l-ewwel talba.**

**<u>It-tieni, t-tielet, is-sitt u s-seba' talbiet</u>**

**Rikjesta ghall-hlas ta' dazju u verifiki tac-certifikat EUR1.**

Is-socjeta' rikorrenti tilmenta li t-talba kontenuta fl-ittra ufficjali hija assolutament bla ebda bazi legali *stante* iIli l-oggetti *de quo* huma kollha prodotti manifatturati gewwa l-Italja u kwindi fil-Komunita` Ewropea, u huma kollha koperti mic-certifikat EUR 1 u bhala tali ezenti milI-hlas ta' dazju sia taht il-Ligi tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll taht l-artikolu 4 (2) tal-Kap 337 li jipprovdi illi:

Id-Direttur Generali (Dwana) qed jikkontendi li parti mill-merkanzija li waslet Malta kienet gejja minn pajjiz mhux membru tal-Unjoni Ewropea, u ghalhekk mhux eligibbli ghall-'preferential treatment', li kien jinghata f'kaz ta' prodotti gejjin minn pajjizi membri Ewropej.

L-**artikolu 4(2) tal-Kap 337** jiddisponi:

*"Id-dazji ta' importazzjoni murija fil-kolonna "Import Duty" ma ghandhomx japplikaw ghal oggetti li jkunu mkabbra, prodotti jew manifatturati fil-Komunita` u li jkunu importati f'Malta jew mahruga mid-depozitu ghall-uzu jew konsum f'Malta sakemm dawn l-oggetti jissodisfaw ir-regoli tal-origini kif fis-sehh minn zmien ghal zmien skont xi ftehim maghmul bejn il-Gvern ta' Malta u l-Komunita`."*

Illi jirrizulta li gie rilaxxat ic-certifikat EUR 1 ghall-importazzjoni in mertu. Madankollu, meta d-Dwana Maltija, wara spezzjonijiet li saru mill-fizzjali, kif irrizulta mix-xhieda moghtija f'dan il-kaz, kellha suspett li xi prodotti fil-konsenja ma kienux gew manifatturati fl-Italja, hija kkorispondiet mal-awtoritajiet doganali fl-Italja bhala l-pajjiz esportatur, sabiex isiru l-verifiki fuq din il-materja.

Fil-prattika kummercjali mhuwiex insolitu illi wiehed jimporta merkanzija minn certu pajjiz izda l-prodotti mixtrija jkunu joriginaw minn pajjiz iehor. Illi abbazi ta' dan, saru diversi domandi lix-xhud Stefano Mignani, fejn hu kkonferma li l-prodotti kollha li nbieghu u ntbaghtu lil Dizz Limited kienu kollha manifatturati fl-Italja. Mistoqsi jafx li d-Dwana Taljana ddikjarat li xi whud mic-certifikati EUR 1 huma invalidi, qal li

hadd ma kkontestalhom xejn, u saru jaf biss minn Dizz Limited li d-Dwana Maltija qed tikkontesta l-provenjenza tal-prodotti.

Jigi senjalat li skont **l-artikolu 11 (1) tal-Kap 337** l-awtoritajiet tad-Dwana jistgħu, fuq inizjattiva tagħhom jew fuq talba tad-dikjarant, jemendaw id-dikjarazzjoni anke wara r-rilaxx tal-oġġetti.

Fil-kaz odjern, meta d-Dwana f'Malta rreferiet ghad-Dwana Taljana sabiex isiru l-verifiki, kif jipprovdi l-artikolu 11(3) tal-Kap 337, kien intbaghat originarjament id-dokument Dok JC 13 mid-Dwana Taljana, liema dokument kien datat 11 ta' Awwissu 2004 fejn inghad: "EUR1 no. A 174962 *dated 21/08/03 is authentic but not valid for the preferential treatment*." In segwitu, id-Dwana Maltija rceviet Dok JC1 (esebit fol 37-38) u Dok JC2 (fol 39) datat 12 ta' Gunju 2007, fejn f'Dok JC2 gie kkwalifikat dak kontenut f'Dok JC1 u cioe`, li parti mill-konsenja kienet tikkwalifika ghat-trattattament preferenzjali, u parti ohra mill-konsenja le. Difatti, f'Dok JC2, gie pprecizat li ma setax jigi accertat il-korrettezza tad-dikjarazzjoni moghtija mill-esportatur Teddy S.p.A., ghalhekk gie konkjuz li "c-certifikat EUR 1 bin-numri A181034, A202911, A217601, A217875, A216107, A216186, A216535, *it is not possible to confirm the European origin of the goods*." Dawn ir-risposti mid-Dwana Taljani intbaghtu ghar-rikjesta da parti tad-Dwana Maltija esebita bhala Dok JC 15 (fol110).

Illi m'hemmx kontestazzjoni li ghall-importazzjoni in kwistjoni, kien japplika l-ftehim bilaterali intitolat **EEC Malta**

**Association Agreement and Protocols and Other Basic Texts,** li jinsab esebit fl-atti a fol 241 *et sequens*.

Illi **l-artikolu 6** taht it-Tieni Titolu ta' dan il-Ftehim, '*Arrangements for Administrative Cooperation'* jistipula b'mod car li c-certifikat EUR 1 ghandu l-awtorita` li minnu jigi stabbilit l-origini tal-prodotti, kif tajjeb sottomess fis-sottomissjonijiet tad-Direttur Generali (Dwana) u cioe`:

*"'Originating' products within the meaning of this Protocol shall, in the importing Member State or in Malta, benefit from the provisions of the Agreement, upon submission of an EUR1 movement certificate issued by the customs authorities of Malta or the customs authorities of the Member State."*

L-artikolu 22 u 24 ta' dan il-Ftehim ikomplu jispecifikaw, li l-Awtorita` Doganali tal-pajjiz minn fejn intbaghtet il-konsenja, ghandha s-setgha u r-responsabbilta` li tivverifika l-validita` *o meno* tac-certifikat EUR 1.

Difatti l**-artikolu 22 u 24** jipprovdu:

*"22. In order to ensure the proper application of this title, Malta and the Community shall assist each other, through their respective customs administrations, in checking the authenticity of movement certificates Eur 1 and the accuracy of the information concerning the actual origin of the products concerned and the declarations by exporters on forms Eur 2."*

***"24.*** *Subsequent verifications of movement certificates Eur 1 and of forms Eur 2 shall be carried out at random or whenever the customs authorities of the importing State have reasonable doubt as to the authenticity of the document or the accuracy of the information regarding the true origin of the goods in question."*

Illi fil-kaz odjern, kienet id-Dwana f'Malta li talbet lid-Dwana Taljana tivverifika mal-esportaturi Taljani dwar il-konsenja in kwistjoni, wara li gew osservati diskrepanzi mill-ispezzjoni li saret mid-Dwana Maltija, fejn irrizulta mill-provi li kien hemm suspetti dwar l-ippakkegjar tal-prodotti, u xi whud mill-prodotti ma kellhomx tikketta tal-origini meta saru l-ispezzjonijiet.

Dan l-istess principju jinsab rifless fl-artikolu 33 tal-***Users Handbook to the Rules of Preferential Origin used in Trade between the European Community, other European Countries and the countries participating to the Euro-Meditarrenean Partnership,*** fejn fl-artikolu 33 (1) jinghad:

"*Subsequent verifications of proofs of origin shall be carried out at random or whatever the customs authorities of the importing country have reasonable doubts as to the authenticity of such documents, the originating status of the products concerned…."*

Fis-subartikolu 3 tal-istess artikolu 33 jinghad:

*"The verification shall be carried out by the customs authorities of the exporting country. For this purpose, they*

*shall have the right to call for any evidence and to carry out any inspection of the exporter's accounts or any other check considered appropriate."*

Fuq l-istregwa tal-provi fil-kaz prezenti, jirrizulta li Dizz Limited esebiet dikjarazzjonijiet tal-esportatur fl-Italja Teddy S.p.A. annessi mal-affidavit ta' Karl Izzo. Ix-xhud Stefano Mignani ghas-socjeta` Teddy S.p.A. ikkonferma wkoll li l-prodotti kollha mibjugha u mibghuta lil Dizz Limited kienu manifatturati fl-Italja. Izda, l-pern tal-kwistjoni fil-kaz odjern jitratta l-indagini tac-certifikat EUR 1 b'referenza ghad-diversi prodotti mertu tal-konsenja in kwistjoni.

Illi diga' gie stabbilit, li f'kazijiet bhal dawn id-Dwana Maltija, tista' tirreferi ghad-Dwana fl-esteru biex isiru l-verifiki. Is-socjeta' rikorrenti qed tikkontendi li hija l-Qorti li trid tiddeciedi mhux biss il-validita` tac-certifikat EUR 1, izda jekk mill-assjem tal-provi jirrizultax li l-prodotti kienu manifatturati fl-Italja, kwindi irid jigi determinat jekk tapplikax l-ezenzjoni doganali.

Difatti, is-socjeta' rikorrenti qed tikkontendi li c-certifikat EUR1 gie kkonfermat mid-Dwana barranija, izda mid-Dwana Taljana ma kinux f'pozizzjoni li jikkonfermaw li l-oggetti kollha orginaw fl-Italja, proprju minhabba n-numru kbir ta' oggetti fil-konsenja. B'referenza ghal dan l-argument is-socjeta` rikorrenti qed tikkontendi li hija importatur in *buona fede*, u ghalhekk m'ghandhiex thallas dazju.

Min-naha l-ohra, id-Direttur Generali (Dwana) ssottometta li permezz tal-ftehim bilaterali, l-*EEC Malta Association agreement,* iffirmat minn Malta u l-pajjizi li dak iz-zmien

kienu membri tal-Unjoni Ewropea, specifikament l-artikolu 6, huwa c-certifikat EUR 1 li permezz tieghu jigi identifikat il-pajjiz tal-origini, ossija fejn gew manifatturati l-prodotti. B'referenza ghal dan l-aspett, issottometta li l-interpretazzjoni tac-certifikat EUR 1 kif indikat fl-Artikoli 22 u 24 tal-Protokoll, jindika li r-responsabbilta` ta' verifikar taqa' b'mod tassattiv fi hdan l-Awtorita` Doganali minn fejn inhargu l-prodotti lejn Malta, f'dan il-kaz l-Awtorita` tad-Dwana Taljana.

Mill-asjjem tal-provi, jirrizulta, li wara investigazzjoni estensiva ta' diversi xhur, id-Dwana Taljana sabet li l-konsenji indikat f'Dok JC2 ma kinux koperti minn certifikat EUR 1 validu, *stante* li ma setax jigi determinat li dawn il-prodotti kienu gew manifatturati fl-Italja.

Illi konfrontata b'tali konkluzjoni, din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm raguni bizzejjed ghalhiex m'ghandhiex taghti piz lill-konkluzjonijiet milhuqa mill-awtoritajiet doganali Taljani dwar dawn il-konsenji specifici u c-certifikat EUR 1 relattiv taghhom. Dawn il-konkluzjonijiet huma r-rizultanzi tal-verifiki li saru proprju mill-awtorita' li, skont il-Ftehim u Protocols imsemmija, hija l-awtorita' kompetenti biex taghmilhom.

F'dan il-kuntest, jigi dedott, li l-fatt li gew esebiti l-katalgi tal-hwejjeg ghas-snin relevanti u d-dikjarazzjonijiet tas-socjeta` estera Teddy S.p.A., ma jimpingux fuq il-validita` *o meno* tac-certifikat EUR 1. Illi huma aktar relevanti l-konkluzjonijiet raggunti da parti tad-Dwana Taljana, kif riflessi f'Dok JC1 u JC2. Din il-Qorti ma taqbilx li d-Dwana Taljana ma setghetx tikkonferma li n-numru ta' prodotti indikati rapprezentanti c-certifikati EUR 1 indikati f'Dok JC2 ma gewx iccertifikati li

huma prodotti manifatturati fl-Italja minhabba n-numru kbir ta' 'items' esportati. Dok JC2 ma jsemmix dan l-aspett bl-ebda mod. Izda, ighid biss li ghal dawk ic-certifkati bin-numri specifici indikati, mhuwiex possibli li tigi kkonfermata l-origini Ewropea ta' dawn il-prodotti.

**L-element ta' *Bona Fede* tal-Importatur**

Is-socjeta' rikorrenti ssottolineat li f'sitwazzjoni fejn l-importatur jew il-fornitur, in segwitu ghall-*post release verification* mitluba mid-Dwana, ma jkunx aktar possibbli li jigi ppruvat l-origini, din il-qorti ghandha tqis l-element ta' *bona fede* tal-importatur.

F'dan il-kuntest, gew citati zewg sentenzi tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea, C23/14 **Sfakianakis** deciza fid-9 ta' Frar 2006, u C293/04 **Beemsterboer Coldstore Services BV vs Inspecteur der Belastingdienst** deciza 9 ta' Marzu 2006.

Izda minn ezami akkurat tal-kontenut ta' dawn is-sentenzi jirrizulta li f'kaz li wara li jsiru verifikazzjonijiet*,* ic-certifikat EUR 1 ikun inkorrett, ma jistax jitqies li l-konsenja impurtata tista' tgawdi minn dan it-trattament preferenzjali

Fil-kaz, **Beemsterbooer Coldstore Services Bv vs Inspecteur der Belastingdienst**, gie deciz:

"32 *In this connection, the Court has already held that the aim of subsequent verification is to check whether the statement of origin in a EUR 1 certificate which has been issued is correct (Case C-12/92* ***Huygen and Others*** *(1993)*

*ECR 1-6381, paragraph 16, and Case C-97/95* ***Pascoal & Filhos*** *(1997) ECR 1-4209, paragraph 30).*

*33. The person liable cannot entertain a legitimate expectation with regard to the validity of EUR 1 certificates by virtue of the fact that they were initially accepted by the customs authorities of a Member State, since the role of those authorities in regard to the initial acceptance of declarations in no way prevents subsequent verifications from being carried out (**Faroe Seafood** and **Others** paragraph 93).*

*34. <u>Therefore, where a subsequent verification does not confirm the origin of the goods as stated in the EUR 1 certificate, it must be concluded that the goods are of unknown origin and that the EUR 1 certificate and the preferential tariff were thus wrongly granted</u> (**Huygen and Others,** paragraph 17 and 18, and **Faroe Seafood and Others** paragraph 16).*

*In those circumstances, the answer to the first part of the second question must be that, in as much as the origin of the goods referred to in a EUR 1 certificate can no longer be confirmed following subsequent verification, <u>that certificate must be considered to be an incorrect certificate within the meaning of Article 220(2) (b) of the Customs Code, as amended by Regulation No. 2700/2000.”</u>*

Bl-istess mod, fil-kaz **Sfakianakis**, gie ribadit:

"*As the Court has held concerning the protocols pertaining to the definition of the concept of 'originating products' and*

*to methods of administrative cooperation comparable to those of the Protocol, such a division of responsibilities is justified by the fact that the authorities of the State of export are in the best position to verify directly the facts determining the origin of the product concerned. That system can function only if the customs authorities of the State of import accept the determinations legally made by the authorities of the State of export (see, to that effect Case 218/83* ***Les Rapides Savoyards and Others*** *(1984) ECR 3105, paragraphs 26 and 27).*

*This requirement of acceptance is fulfilled only if the authorities of the State of import also comply with and accept the judicial decisions delivered on actions brought against the initial results of subsequent verification of the origin of the goods.*

*It is an objective of the Association Agreement that goods meeting the requirements for being considered to have originated in Hungary or in a Member State of the Community may be imported into the Community or into Hungary under the preferential scheme. This means that the customs authorities of the State of import must take into account the results of the investigation into the origin of the goods carried out by the courts in order to ensure that all goods meeting the required conditions as to the origin, and only those goods, benefit from the preferential treatment.*"

Fl-istess kaz **Sfakianakis**, kompla jinghad hekk:

*"…….in situations other than that described in Article 32(6) of the protocol, the customs authorities of the State of import*

*may not unilaterally declare invalid a EUR 1 certificate duly issued by the customs authorities of the State of export. Likewise, in cases of subsequent verification, the same authorities are bound by the results of such verification*."

Fuq l-iskorta ta' din il-kazistika, jekk ic-certifikat EUR 1 ma jkunx jista' jikkonferma l-origini Ewropea tal-prodotti, dak ic-certifikat ikun inkorrett u invalidu. Inoltre`, huwa fattur *sine qua non*, li l-prodotti li originaw minn pajjiz tal-Unjoni Ewropea biss jistghu igawdu mit-trattament preferenzjali.

Illi l-intimat esebixxa kopja tal-*Protocol concerning the definition of the concept of 'originating products' and methods of administrative cooperation* bejn Malta u l-EEC (fol 249 *et seq*).

Kif gja trattat *ante,* skont **l-artikolu 24** tal-imsemi Protocol, verifikazzjonijiet jistghu isiru fir-rigward tal-EUR 1: "*at random, or whenever the customs authorities of the Importing State have reasonable doubt as to the authenticity of the document or the accuracy of the information regarding the true origin of the goods in question."*

Fil-*User's Handbook to the Rules of Preferential Origin used in trade between the European Community, other European Countries and the countries participating to the Euro-Mediterranean Partnership*[12] ezempji ta' kazijiet li jistghu jissollevaw "*reasonable doubts"* jinkludu *inter alia*:

---

[12]https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/resources/documents/customs/customs_duties/rules_origin/preferential/handbook_en.pdf

*"d) the marking on the packing may not match the origin declared on the proof of origin presented."*

Illi l-intimat jaghmel referenza ghax-xhieda b'affidavit tal-Assistent Direttur John Camilleri, partikolarment ghad-dokumenti immarkati (DOK 'JC2B' u 'JC2C'), fejn l-ufficjali tad-Dwana indikaw permezz ta' rapport bil-miktub is-suspetti taghhom lis-superjuri taghhom rigward l-pajjiz tal-manufattura tal-prodotti mertu tal-kwistjoni odjerna, li kienu qed jigu ezaminati; specjalment f'dak li kien jikkoncerna l-ippakkeggjar tal-prodotti in kwistjoni, liema tip ta' pakkeggjar ma kienx sinonimu mal-produzzjoni u l-pakkeggjar ta' merkanzija gejja minn pajjiz ta' manufattura fl-Ewropa.

B'hekk ukoll, ikompli jissottometti l-intimat, l-Artikolu 1 tar-Raba' Nota ta' *Annex* 1 tal-*Protokoll* jistipula li:

*"Packing shall be considered as forming a whole with the goods contained therein. This provision, however, shall not apply to packing which is not of the normal type for the article packed and which has intrinsic utilization value and is of a durable nature, apart from its function as packing."*

Illi ghal dak li jirrigwarda s-sottomissjoni tas-socjeta' rikorrenti dwar il-*bona fede o meno* taghha bhala importatur, ikkonsidrat li l-kazijiet citati mir-rikorrent jittrattaw il-*Customs Code* tal-Unjoni Ewropea, u precizament l-artikolu 220(2)(b) li gie ammendat bir-Reg (EC 2700/2000) skont liema:

*"(b) the amount of duty legally owed was not entered in the accounts as a result of an error on the part of the customs authorities which could not reasonably have been detected by the person liable for payment, the latter for his part having acted in good faith and complied with all the provisions laid down by the legislation in force as regards the customs declaration. Where the preferential status of the goods is established on the basis of a system of administrative cooperation involving the authorities of a third.*

*The issue of an incorrect certificate shall not, however, constitute an error where the certificate is based on an incorrect account of the facts provided by the exporter, except where, in particular, it is evident that the issuing authorities were aware or should have been aware that the goods did not satisfy the conditions laid down for entitlement to the preferential treatment.*

*The person liable may plead good faith when he can demonstrate that, during the period of the trading operations concerned, he has taken due care to ensure that all the conditions for the preferential treatment have been fulfilled.*

*The person liable may not, however, plead good faith if the European Commission has published a notice in the Official Journal of the European Communities, stating that there are grounds for doubt concerning the proper application of the preferential arrangements by the beneficiary country;"*

Illi, izda, klawsola simili ma tirrizultax fl-Association Agreement bejn Malta u l-EEC, liema Ftehim jifforma l-bazi legali tar-relazzjonijiet giuridici bejn l-Komunita' u Malta, almenu fiz-zmien tal-importazzjoni in kwistjoni.

F'kull kaz tajjeb li wiehed jirraporta siltiet mis-segwenti decizjonijiet tal-Qorti ta' Lussemburgu fejn trattat il-kwistjoni tal-*bona fede* tal-importatur soggett ghall-verifikazzjonijiet sussegwenti ghall-importazzjoni.

Fil-kaz tal-**Faroe Seafood and Others** citat supra, il-Qorti traccjat tliet kondizzjonijiet li huma kumulattivi, sabiex importatur jkollu l-jedd li jottjeni sistema preferenzjali ta' taxxa , u cioe`:

*"… that the non-collection must have been due to an error by the authorities, that the person liable must have acted in good faith, or in other words that he must not have reasonably been able to detect the error of the authorities, and that he must have complied with all the provisions laid down by the legislation in force so far as his customs declaration is concerned." (Vide Case C-292/91* ***Weis v Hauptzollamt Wurzburg (1993) ECR - I-2219, para 15****)*[13].

Gie ritenut li *"the issue of an incorrect certificate shall not, however, constitute an error where the certificate is based on an incorrect account of the facts provided by the exporter, except where, in particular, it is evident that the issuing authorities were aware, or should have been aware, that the*

[13] Faroe Seafood and Others para 83

*goods did not satisfy the conditions laid down for the entitlement to the preferential treatment."*[14]

Illi fl-istess decizjoni gew applikati t-tliet kondizzjonijiet kumulattivi fuq indikati u gie spjegat li "*the legitimate expectations of the persons liable for payment attract the protection provided by that provision (220(2)(b) <u>only if it was the competent authorities themselves which created the basis for those expectations...</u>Therefore only errors attributable to acts of the competent authorities confer entitlement to the waiver of post clearance recovery."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

U tkompli "*It follows from the Court's case law that the third sub-paragraph of article 220(2)(b) of the Customs Code cannot be interpreted as meaning that the issue of an incorrect Form A certificate of origin, by the customs authorities of the exporting country constitutes an error on the part of those authorities themselves, where those certificates were based on an incorrect account of the facts provided by the exporter, unless, inter alia, it is <u>clear</u> that those authorities knew, or ought to have known, that the goods did not meet the conditions necessary in order for them to receive preferential treatment."* (sottolinear ta' din il-Qorti.)

Illi mhux il-kaz li l-awtoritajiet doganali li rrilaxxjaw l-EUR1 kienu jafu jew setghu kienu jafu li ma misshomx hargu dak

[14] **Valsts ienemumu dienests v Veloserviss SIA -** Case C-47/16. para 4

ic-certifikat. Anzi s-socjeta' rikorrenti qed tghid il-kontra - li l-kontenut tal-EUR1 kien korrett.

Isegwi ghalhekk li c-certifikat inhareg fuq bazi tad-dikjarazzjonijiet tal-esportatur.

Illi s-socjeta' rikorrenti tikkontendi li l-prodotti gew manifatturati fl-EEC u ghalhekk m'ghandhiex thallas dazju.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni.

Mix-xhieda ta **John Camilleri**, Assistent Direttur fid-Dipartiment tad-Dwana, jirrizulta li r-risposta li rcevew mill-Agenzija Doganali ta' Genoa tghid li ghar-rigward ta' certu *invoices*, koperti bic-certifikati ta' moviment EUR1 hemm elenkati: "*the firm (TEDDY SPA) didn't supply the documentation to prove the effective origin of the goods. Consequently the EUR1 don't meet the requirements to fulfil C.E. origin criterions.(sic criteria)*" Inoltre **Dok JC2** ikkwalifikaw ir-risposta taghhom precedenti **f'Dok JC1** fejn b'referenza ghal EUR 1 hemm elenkati gie rapportat li: "*It was not possible to verify the accuracy of the declaration given by Titanus SA with regard to the exporter Teddy Spa. For this reason only partial correction of that has been said in the previous letter for EUR1's A 181034; A202911; A217601; A217875; A216107; A216186; A 216535 it is not possible to confirm the European origin of the goods.*" (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Ikkonsidrat li dan ir-rapport mid-Dogana ta' Genoa kienet ibbazata fuq informazzjoni mibghuta mill-Ufficio delle Dogane di Rimini (fol 107) fejn, wara li saru verifiki fir-Repubblika ta' San Marino instab li "*non e' stato possibile risalire con certezza all'origine della merce per tutti i prodotti (venduti da Titanus SpA alla Teddy Spa).*"

Inoltre f'ittra mibghuta mill-Ufficio Tributario de San Marino insibu rapportat:

*"non e' stato possibile risalire con certezza all'origine della merce per tutti i prodotti......Quanto sopra in quanto la societa' non disponeva, a quel tempo, di idonea procedura per ricostruire con certezza l'origine del singolo prodotto venduto." (fol 108).* (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Jirrizulta mill-provi li l-awtoritajiet doganali emittenti ghamlu xoghol investigattiv kemm mal-esportatur kif ukoll mal-manifattur. Teddy SpA ma pprovdietx id-dokumentazzjoni mehtiega sabiex jigi stabbilit l-origini tal-merkanzija kollha importata. Inoltre, l-manifattur Titanus SA ma ddisponiex minn procedura idonea biex wiehed jasal b'certezza ghall-origini tal-prodott.

Fl-istess sentenza f'**Valsts,** gie ribadit li "*it is the importer who bears the consequences linked to the issue of the commercial document which is found to be false when subsequently checked, so that the importer may not, in those circumstances, object to post-clearance recovery of the customs duties.*" (para 32).

Hekk ukoll fil-kaz ta' **Faroe Seafood and Others**, mhuwiex zball tal-awtoritajiet meta "*the competent authorities have been misled - in particular as to the origin of the goods - by incorrect declarations on the part of the exporter whose validity they do not have to check or assess. In those circumstances, it is the person liable who must bear the risks arising from a commercial document which is found to be false when subsequently checked."* (para 92).

Gjaladarba t-tliet kondizzjonijiet fuq enuncjati huma mehtiega kumulattivament, jekk il-kondizzjoni ta' zball mill-awtoritajiet mhuwiex evidenzjat, lanqas hemm bzonn li din il-Qorti tidhol fil kwistjoni ta' *bona fede o meno* tal-importatur. Huwa l-importatur li jgorr il-piz tal-izball tal-esportatur, anke f'kaz li emmen li l-merkanzija originat f'pajjiz tal-EC.

Kif gie ritenut fil-kaz **Amministrazione della Finanza v Acampara (1989)**-ECR 3731 – *"It must however be pointed out that in the first place, the Community does not have to bear the adverse consequences of the wrongful acts of the suppliers of its nationals, in the second place, the importer can attempt to obtain compensation from the perpetrator of the fraud, and in the third place, in calculating the benefits from trade in goods likely to enjoy tariff preferences, a prudent trader aware of the rules must be able to assess the risks inherent in the market which he is considering and accept them as normal trade risks."*

Fil-fatt, fil-kaz **Beemsterboer**, inghad hekk:

"41.*I t is the responsibility of traders to make the necessary arrangements in their contractual relations in order to guard against the risks of an action for post-clearance recovery (Pascoal & Filhos, paragraph 60).*

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, gjaladarba ma jistax jigi attribwit xi zball jew negligenza lill-awtoritajiet doganali fl-Italja, l-importatur ma jistax jinvoka a favur tieghu d-difiza ta' *bona fede*. Hu jassumi r-riskji konsegwenzjali ghall-mankanzi tal-esportatur li jzomm u jipprovdi d-dokumentazzjoni mehtiega sabiex l-origini ewropew tal-prodott jista' jigi stabbilit a soddisfazzjon tal-istess awtorjiet doganali. Dan ma ghamlux la Teddy SpA u lanqas Titanus SA.

*In vista* tas-suespost, din il-Qorti ma tikkondividix dak sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` Dizz Limited, li jekk f' 'post verification', id-Dwana tal-pajjiz ta' importazzjoni ma jippruvax l-origini tal-prodotti, u l-importatur, ikun *in buona fede*, tali impossibilita` ghandha timmilita favur tieghu u m'ghandux jigi impost dazju. Dan mhuwiex konfortat bil-gurisprudenza fuq citata.

Fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti ser tghadd biex tichad it-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkonferma t-talba tal-intimat Direttur li saret *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap 12 .

Jigi osservat, li man-nota ta' sottomissjonijiet, giet ipprezentata nota ta' riduzzjoni mill-intimat, fejn gie indikat, li l-ammont li kien mitlub fl-ittra ufficjali u cioe` l-ammont ta' Lm63,697 ekwivalenti ghal €148,374 gie ridott ghal Lm51,203 ekwivalenti ghal €119,271.

B’referenza ghal dak sostnut fit-tieni eccezzjoni tal-intimat dwar Dok B esebit mar-rikors promotur taqbel li dan juri biss timbru mir-Repubbliku ta’ San Marino u ma jimpingix fuq l-awtenticita` *o meno* tac-certifikat EUR 1 ghall-konsenja mertu tal-kaz in ezami. Ghalhekk, taqbel li dan id-dokument mhuwiex certifikat awtorevoli.

**Ghal dawn il-motivi, tichad t-Tieni, Tielet, s-Sitt u s-Seba' talbiet u tilqa'  t-Tieni eccezzjoni tal-Intimat.**

**Ir-Raba' Talba**

Is-socjeta' rikorrenti ssostni li t-talba ghall-hlas tal-VAT fuq l-importazzjoni ghandha ssir mid-Direttur tad-Dipartiment tal-VAT.

Fit-tielet eccezzjoni, l-intimat sostna li l-ligi relevanti dwar il-VAT tawtorizza lill-Kontrollur tad-Dwana li jigbor tali taxxa bhalma jigbor it-taxxi l-ohra ta’ importazzjoni.  Illi l-amont ta’ VAT jidher elenkat fil-kalkoli esebiti mir-rapprezentant tal-Kontrollur tad-Dwana John Camilleri permezz ta’ dokument Dok JC4 (fol 41).

Illi l-artikolu **21(5) tal-Kap 406** jipprovdi li t-taxxa fuq importazzjonijiet ghandha tithallas lill-Kontrollur tad-Dwana (illum Direttur Generali (Dwana) ghan-nom tal-Kummissarju, kif tajjeb indikat fit-tielet eccezzjoni tal-intimat.

**Ghaldaqstant, tilqa wkoll, it-tielet eccezzjoni tal-intimat u kwindi tichad ir-raba' talba' tar-rikorrenti.**

**Il-Hames Talba**

Illi bil-hames talba s-socjeta' rikorrenti ssostni li ma jistax jintalab dazju **skont l-artikolu 4(5) tal-Kap 337** gjaladarba l-merkanzija importata giet spezjonata u rilaxxjata mill-Ufficjali tad-Dwana.

Illi gja gie kkonsidrat li l-**EEC Malta Association Agreement and Protocols and Other Basic Texts** li kien vigenti fiz-zmien in kwistjoni, jipprovdi ghal sistema ta' kooperazzjoni amministrattiva li tippermetti verifikazzjonijiet mill-awtoritajiet doganali sussegwenti ghall-importazzjoni. Inoltre skont l**-artikolu 11 (1) tal-Kap 337** l-awtoritajiet tad-Dwana jistgħu, fuq inizjattiva tagħhom jew fuq talba tad-dikjarant, jemendaw id-dikjarazzjoni anke wara r-rilaxx tal-oġġetti.

Ukoll skont l**-artikolu 4(5) tal-Kap 337** l-ammont li ghandu jithallas b'dazju jibqa' dovut ghal perjodu ta' sitt snin mill-punt ta' taxxa. Madanakollu skont il-proviso, il-Kontrollur m'ghandux jitlob il-hlas ta' dak l-ammont meta huwa jkun sodisfatt li l-oggetti gew spezzjonati sew mill-ufficjal li ghamel ir-rilaxx u li gew hekk rilaxxati minnu u li l-valur ta' dawk l-oggetti kien dikjarat sewwa.

Ghalhekk taqbel ma’ dak eccepit mid-Direttur intimat li dan is-subinciz itih id-diskrezzjoni li jkun sodsifatt li r-rilaxx kien ezawrjenti. Fil-kaz odjern huwa sufficjentement ippruvat, li wara suspetti mqajma waqt l-ispezzjoni d-Dwana Maltija ma

kinitx sodisfatta dwar l-origini tal-prodotti, tant li rreferiet ghad-Dwana Taljan, u baqghet tistenna l-ezercizzju ta' verifikar li twettaq mill-istess Dwana Taljana sakemm giet ir-risposta lura ghar-rikjesta tad-Dwana Maltija.

**Ghaldaqstant tichad ukoll din it-talba filwaqt li tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-intimat.**

**Imghax**

Jibda biex jinghad, li kien biss fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti, li saret referenza ghall-imghax, fejn gie sottomess li l-ebda imghax mhuwa dovut, jekk mhux mis-sentenza 'l quddiem, peress li l-ammont dikjarat fl-ittra ufficjali, esebita bhala Dok A mhuwiex korrett, u l-ammont kien ghadu mhux dikjarat dovut u likwidat fiz-zmien tal-interpellanza tal-ittra ufficjali.

Illi fit-talba kif dedotta fir-rikors promotur, m'hemm l-ebda referenza ghal imghax. Jigi osservat, li fl-ittra ufficjali datata 20 ta' Frar 2006, esebita bhala Dok A (fol 3), m'hemm l-ebda accenn ghall-hlas ta' imghax fuq is-somma mitluba. Dan il-punt ma giex sollevat mill-Kontrollur tad-Dwana lanqas fl-eccezzjonijiet.

Il-provvedimenti legali li jirregolaw l-applikazzjoni ta' imghax insibuhom fl-**artikoli 1139** *et sequens* tal-Kodici Civili.

**L-Artikolu 1139** jiddisponi li "*jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, d-danni li jigu mid-dewmien ta' l-ezekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss*

*fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."*

**L-Artikolu 1141** jiddisponi li:

(1) "*Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita."* u

(2) "*F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni."*

Illi l-obbligazzjoni ghall-hlas trid tigi segwita b'att interpellatorju ghall-hlas kif inhu rikjest **mill-artiklu 1141(2) tal-Kap.16*.*** Difatti l-Qrati taghna huma konkordi li l-imghaxijiet moratorji ma jibdewx jiddekorru qabel ma ssir interpellazzjoni ghall-hlas skont il-ligi, u sakemm issir tali interpellazzjoni, huwa prezunt li l-kreditur ikun irrinunzja ghall-imghaxijiet (Ara ad. ezempju **Brigadier John Bell McCance O.B.E. noe v. Antonio Sammut** (App.Civ.14 ta' Marzu 1949 - XXXIII-I-439). Din l-interpellazzjoni ghandha tkun cara u inekwivoka - **Francis Spiteri v Carmel Mangion** (App.Inf.Imh.J. Caruana Curran - 7 ta' Novembru 1979); madanakollu "*A skans ta' ekwivoci, huwa utili illi jinghad illi dina l-Qorti hija ukoll tal-fehma illi l-kliem "sejha ghall-hlas" fic-citat artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili jirreferi ghall-hlas tal-kapital u mhux ta' l-imghax fuqu u illi, konsegwentement,*

*meta, bhal fil-kaz odjern, tkun saret it-talba b'att gudizzjarju ghall-hlas tal-kapital, jibda jiddekorri 'ope legis' l-imghax fuq l-istess kapital" -* ***Costantino Abela vs George Azzopardi*** *(App. Civ. 7 ta' Ottubru 2005).*

Illi fil-kaz in ezami, l-ammont pretiz mill-Kontrollur tad-Dwana, li kien indikat fl-ittra ufficjali, li ntbaghtet *ai termini* tal-artikolu 466 tal-Kap 12. Dan l-ammont kien gie ridott fil-mori ta' dan il-kaz, kif jidher min-nota esebita a fol 1094 fil-fehma ta' din il-Qorti.

Ikkonsidrat li gjaladarba l-ezekutat oppona ghat-talba skont l-artikolu 466 tal-Kap 12, il-kreditu pretiz mid-Direttur tad-Dwana m'ghandux l-effett ta' sentenza li ghaddiet in gudikat.

Kwindi taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta' rikorrenti li l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza billi l-ammont dovut kien ghadu mhux likwidat definitivament.

**Ghaldaqstant, ghar-rigward tal-ammont likwidat ta' €119,271, din il-Qorti ser takkorda l-imghax mid-data tas-sentenza billi *s-sorte* giet likwidata f'dawn il-proceduri.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat

ghar-ragunijiet spjegati, **tichad** it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti.

Konsegwentement, tikkundanna lis-socjeta` rikorrenti sabiex thallas lid-Direttur Generali (Dwana) l-ammont ta' mija u dsatax-il elf, mitejn u wiehed u sebghin ewro (€119,271) liema somma qed tigi likwidata b'din is-sentenza u tirrapprezenta komplessivament dazju ta' Importazzjoni u VAT dovut fuq l-importazzjoni ta' diversi oggetti li sar bejn is-snin 2003 u 2004,mertu ta' din il-kawza u kif jirrizulta mill-ittra ufficjali Dok A mar-rikors odjern, flimkien mal-imghax legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Mejju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju 2019**